# ANNESS I - ODS

## Kif timla l-kwestjonarju onlajn tal-ODS

*Gwida għall-intrapriżi li qed jissottomettu d-dejta fir-rigward tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 (ir-Regolament dwar l-ODS)*

Meta tiftaħ kwestjonarju li jirrapporta dwar Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu (ODS), se tara l-formola ta' Merħba ("Introduzzjoni"). Din il-formola tipprovdi informazzjoni bażika dwar min għandu jirrapporta billi juża l-kwestjonarju. Fir-rokna ta' fuq fil-lemin tista' tara l-informazzjoni rigward l-intrapriża u s-sena ta' tranżazzjoni (ta' rappurtar) tiegħek.

F'kull formola tista' tuża t-tabs fil-parti ġriża fuq il-parti ewlenija tal-formola biex tibdel bejn il-formoli. Barra minn hekk, il-buttuna "Il-formola li jmiss" fil-parti griża li tinsab taħt tista' tgħinek tinnaviga fil-kwestjonarju fl-ordni korretta. Il-funzjoni tal-buttuni "issejvja", "issejvja u agħlaq" u "ikkanċella" ssegwi l-prinċipji deskritti fil-paġna 9 tal-manwal tal-BDR.


Ozone-Depleting Substances Report

Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Introduction | Company details | Substances

Company id **ods30000** Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

### Introduction

This form is to be used by:

- **Producers** of controlled substances;
- **Importers** of controlled and new substances, including imports for destruction;
- **Exporters** of controlled and new substances;
- **Destruction facilities** destroying controlled substances;
- **Feedstock and/or process agent users** of controlled substances;

Depending on the selected activity or activities, this form is to be used to report production, sales, imports, stocks, exports, use and destruction per individual substance. You only need to complete the tables that are accessible.

For abbreviations and definition of terms used, see the regulation available onhttp://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:286:0001:0030:EN:PDF

This report shall not contain data from any facility in a different Member State of the European Union even if owned by the reporting undertaking. All figures shall be reported in kilograms with an accuracy of ± 1 kg. It is not necessary to provide decimals. Always round up to the next kg. Use of commas, points or spaces to indicate decimals or thousand dividers is not possible.

Before completing this form please read the reporting manual available on our website:http://circa.europa.eu/Public/irc/env/review_2037/library?l=/reporting_article.

Next form

Save | Save & close | Cancel

*Formola ta' "introduzzjoni"*

Biex tibda tirrapporta d-dejta jeħtieġlek tikkonferma d-"Dettalji tal-Kumpanija" tiegħek. Biex tagħmel dan tista' tuża t-tab rispettiv jew il-buttuna "il-formola li jmiss". Imbagħad għandek tara l-iskrin li ġej:


Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Ozone-Depleting Substances Report

Introduction | Company details | Substances

Company id **ods30000** Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

Company information

*Do not include any data from legal entities other than the one indicated below (e.g. subsidiaries or sister companies). Each legal entity needs to complete an individual form.*

| | |
|---|---|
| **Company name** | Business Reporter Testing Ltd |
| **Company address** | Clucerului 55 |
| | Bucuresticentre |
| **Post code** | 011364 |
| **Country** | Romania |
| **EORI code:** | eori11 ? |
| **VAT code:** | RO111111111111111 |

| | |
|---|---|
| Contact person | Ods Reporter |
| Phone number | 111 |
| Fax number | 222 |
| E-mail address | ods@ods.ods |

Confirm or modify — Confirm | Modify

**Important note:**

Please make sure that all the information provided in this page is correct before clicking on the 'Confirm' button. After this point you will not be able to change your company data.

If you need to change the information provided, please click on the 'Modify' button and after correcting company's information you can continue with the questionnaire in BDR envelope.

*Tabella 1: "Informazzjoni dwar il-Kumpanija" - Pass 1*

Tista' jew tagħżel "Ikkonferma" għall-informazzjoni tal-kumpanija tiegħek jew "Immodifika" biex tibdel xi dettall jekk l-informazzjoni murija mhix korretta. Jekk jeħtieġlek timmodifika d-dejta tiegħek, se tkun mibgħut mill-ġdid lil hinn mill-kwestjonarju onlajn u lejn il-BDR (appdejtja l-organizzazzjoni). Kaxxa b'messaġġ se tavżak li tkun se tħalli l-webpage korrenti. Wara li tagħmel it-tibdiliet neċessarji fil-paġna "appdejtja l-organizzazzjoni", tista' tiġi lura għall-kwestjonarju u tikkonferma d-dejta appdejtjata tal-kumpanija tiegħek.

**<u>Jekk jogħġbok kun żgur li l-informazzjoni dwar il-kumpanija tiegħek hi korretta f'dan il-pass, billi mhux se tkun tista' tibdilha wara li tibda timla l-kwestjonarju!</u>**

**<u>Trid tipprovdi l-kodiċi tal-EORI jekk se tirrapporta attivitajiet relatati ma' importazzjonijiet/esportazzjonijiet!</u>**

Meta tikkonferma l-informazzjoni dwar il-kumpanija, se tkun tista' tindika s-sena ta' rapportar ("is-sena ta' tranżazzjoni") u t-tip ta' attivitajiet li twettqu mill-kumpanija tiegħek matul is-sena. Agħżel l-attivitajiet f'dawn il-każijiet:

- Il-produzzjoni: jekk ipproduċejt sustanzi kkontrollati jew ġodda fis-sena ta' tranżazzjoni u/jew jekk żammejt ħażniet mill-produzzjoni mis-sena preċedenti;

- L-importazzjoni: jekk importajt sustanzi kkontrollati jew ġodda fis-sena ta' tranżazzjoni u/jew jekk żammejt ħażniet mis-sena preċedenti

- L-esportazzjoni: jekk esportajt sustanzi kkontrollati jew ġodda fis-sena ta' tranżazzjoni u/jew jekk żammejt ħażniet mis-sena preċedenti

- Id-distruzzjoni: jekk int faċilità ta' distruzzjoni u ddistruġġejt sustanzi kkontrollati fis-sena ta' tranżazzjoni jew jekk int produttur u ddistruġġejt sustanzi kkontrollati jew ġodda fil-faċilità tiegħek stess fis-sena ta' tranżazzjoni;

- L-użu ta' materja prima: jekk użajt sustanzi kkontrollati bħala materja prima fis-sena ta' tranżazzjoni jew irrapportajt dwar l-użi ta' materja prima fis-snin preċedenti u għad għandek il-ħażniet.

- L-użu ta' aġent tal-proċess: jekk użajt sustanzi kkontrollati bħala aġent tal-proċess fis-sena ta' tranżazzjoni jew irrapportajt dwar l-użi ta' aġent tal-proċess fis-snin preċedenti u għad għandek il-ħażniet.

- Mhux obbligat li tirrapporta: jekk ma għandek xejn x'tirrapporta.


Information on transactions to be reported (Year, Activity):

Transaction year

(Year to which this report applies) 2013

Ozone-depleting substances transactions

Production

Import

Export

Destruction

Process agent use

Feedstock use

Not obliged to report (NIL report)*

*No activity this year or only activities related to imports and/or exports of products and equipment containing or relying on ODS

Confirm the information on transactions (Year, Activities)

To 'Confirm the information on transactions' you need to confirm your company information first.

Previous form

Save | Save & close | Cancel

*Tabella 1: Informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li għandhom jiġu rapportati (Sena, Attività) - Pass 2*

Jekk jogħġbok innota li wara dan il-pass mhux se jkun possibbli għalik li tara t-tabelli kollha deskritti fil-paġni segwenti. Dan hu għax it-tabelli murija fil-kwestjonarju onlajn jiddependu mit-tip ta' attivitajiet li int tirrapporta f'dan l-istadju. Madankollu, it-tabelli rilevanti kollha li għandu mnejn teħtieġ tuża se jkunu disponibbli. Għall-assistenza tiegħek tista' ssib hawnhekk il-lista tat-tabelli li jikkorrispondu mal-attivitajiet differenti magħżulin:

Produzzjoni: Tabella 3, Tabella 4, Tabella 5, Tabella 6, Tabella 8, Tabella 9, Tabella 10, Tabella 13

Importazzjoni: Tabella 6, Tabella 7, Tabella 8, Tabella 10, Tabella 13

Esportazzjoni: Tabella 6, Tabella 8, Tabella 10, Tabella 11, Tabella 13

Distruzzjoni: Tabella 6, Tabella 8, Tabella 14

L-użu ta' Aġent tal-proċess / l-użu ta' Materja Prima: Tabella 6, Tabella 8, Tabella 10, Tabella 12

Imbagħad ikun jeħtieġlek tikklikkja l-buttuna "Ikkonferma l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet (Sena, Attivitajiet)" biex tmur lejn l-iskrin li jmiss fejn tista' tintroduċi s-sustanzi li se jkun jeħtieġlek tirrapporta:




*Tabella 2: "Definizzjoni tas-sustanzi"*

Biex iżżid sustanza fir-rapportar tiegħek, jeħtieġlek tagħżilha l-ewwel mil-lista bi drop-down menu u mbagħad iżżidha billi tuża l-buttuna "Żid" fuq il-lemin tal-lista. Tista' żżid ukoll sustanza li tista' tkun nieqsa mil-lista billi tikteb l-isem fil-qasam tat-test miftuħ u billi tuża l-buttuna "Żid oħra". Aċċerta ruħek li tkun kemm jista' jkun preċiż, inkluż li tispeċifika jekk hix verġni jew mhix verġni. Fil-każ li għażilt u żidt sustanza li ma għandekx għaliex tirrapporta dwarha, tista' tħassar sustanzi mil-lista billi tikklikkja l-buttuna "-".

Fil-pass li jmiss ("Tabella 3") għandek tiddikjara l-kwantitajiet ta' produzzjoni tal-intrapriża tiegħek għal kull sustanza għas-sena ta' rapportar speċifika:




*Tabella 3: "Produzzjoni totali"*

Biex tibda tirrapporta f'din il-formola se jeħtieġlek l-ewwel li tagħfas il-buttuna "Żid" u li tagħżel it-tip ta' użu mid-drop-down menu li hu rilevanti għalik. Fil-każ li tagħżel "Ieħor" mil-lista ta' drop-down menu, se tkun mistoqsi biex tipprovdi aktar informazzjoni dwar l-użu intenzjonat tal-kwantità prodotta. Meta tagħżel użu u timla informazzjoni addizzjonali (jekk meħtieġa) għandek tikklikkja l-buttuna "Żid" biex iżżid l-użu lit-tabella ta' rapportar. Hu possibbli li żżid aktar minn użu wieħed lit-tabella ta' rapportar.

Meta timla ċ-ċelluli, tista' tirrapporta għal kull użu l-kwantitajiet prodotti għal kull sustanza indikata fil-quċċata tal-kolonna. Għajr għal użu fil-laboratorju u l-materja prima din tinkludi t-total tal-produzzjoni tiegħek sew jekk hi jew mhix għall-użu fl-UE. Għal użu fil-laboratorju u l-materja prima, id-dejta jeħtiġilha tkun segregata fi produzzjoni għall-użu fl-UE u produzzjoni għall-użu barra mill-UE. Jekk jogħġbok innota li fil-formoli kollha l-kwantitajiet jeħtiġilhom li jkunu f'kilogrammi u li ma għandekx tuża kwalunkwe virgoli, punti jew spazji!

Meta tkun sodisfatt bir-rapportar tista' tmur għall-formola li jmiss ("Tabella 4"). F'din il-formola għandek tindika l-kwantitajiet prodotti skont ir-razzjonalizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 14 tar-Regolament. Ikklikkja l-buttuna "Żid" u imla l-informazzjoni kollha rikjesta. Jeħtieġlek tindika l-intrapriża li ttrasferixxietlek id-drittijiet u jeħtieġlek li tagħżel l-użu li għalih saret il-produzzjoni. Agħfas il-buttuna "Żid" biex iżżid l-użu lit-tabella ta' rapportar u mbagħad tkun tista' tirrapporta l-kwantitajiet ta' kull sustanza kif applikabbli. Għal kull intrapriża ta' trasferiment u kombinazzjoni ta' użu jeħtieġlek iżżid ringiela individwali.




*Tabella 4: "Produzzjoni taħt razjonalizzazzjoni industrijali"*

Fil-formola li jmiss (Tabella 5) jeħtieġlek tipprovdi informazzjoni dwar il-kwantitajiet riċiklati u riklamati. Jeħtieġlek biss tinkludi kwanitajiet riċiklati jew riklamati ta' sustanzi kkontrollati jew ġodda fl-intrapriża tiegħek. Tinkludix dejta mir-riċiklaġġ jew riklamazzjoni li seħħet f'intrapriżi oħrajn. Tista' tagħmel dan billi timla ċ-ċelluli vojta għal kull sustanza ddikjarata rispettivament.



Ozone-Depleting Substances Report

Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Introduction | Company details | Substances

Table 3 | Table 4 | Table 5 | Table 6 | Table 7 | Table 8 | Table 9 | Table 10 | Table 11 | Table 12 | Table 13 | Table 14 | Finish

Company id **ods30000** Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

5. Recycling and reclamation by producers

(all quantities in kilograms, do not use any commas, points or spaces.)

| Recycling and reclamation (for any uses inside or outside EU) | CFC-11 (virgin) | CFC-13 (non-virgin) | CFC-113 (virgin) |
|---|---|---|---|
| Total quantity recycled | 22 | 12 | 0 |
| Total quantity reclaimed | 3 | 222 | 0 |
| **Total** | **25** | **234** | **0** |

Previous form | Next form

Save | Save & close | Cancel | Print preview | Run QA

*Tabella 5: "Riċiklaġġ u reklamazzjoni mill-produtturi"*

Fit-Tabella 6 jeħtieġlek tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati u sustanzi ġodda (jekk applikabbli) riċevuti bi kwalunkwe mod minn intrapriżi oħrajn fl-UE. Din tkopri l-kwantitajiet kollha bħax-xiri, il-prodotti ritornati u kwalunkwe metodu ieħor ta' akkwist kemm jekk bi ħlas jew le. Inkludi wkoll kwalunkwe kwantità li rċevejt minn siti ta' intrapriża tiegħek stess li jinsabu fi stat membru differenti tal-UE. Intrapriżi reġistrati bħala intrapriżi li jippakkjaw mill-ġdid tal-HCFC skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament jeħtiġilhom li jirrapportaw l-oriġini tal-prodotti li jkunu reġgħu poġġew f'pakketti. F'każijiet ta' ritorni mill-klijenti dan għandu jkun l-użu li għalih int bgħatt is-sustanzi.

F'din il-formola għandek ukoll tidentifika l-fornitur (isem il-kumpanija, l-indirizz u l-pajjiż) u t-tip ta' użu intenzjonat, billi tuża l-buttuna "Żid" u billi timla l-informazzjoni rilevanti fl-oqsma rilevanti (ara wkoll it-*Tabella 6*).

Jekk int faċilità ta' distruzzjoni u ta' skart riċevut minn intrapriżi oħrajn, l-identifikazzjoni tal-fornitur hi biss mandatarja meta 1000 kg jew aktar ġew akkwistati minn intrapriża unika. Id-dejta mill-intrapriżi li jissupplixxu anqas minn 1000 kg kull wieħed tista' tkun aggregata. F'dan il-każ uża l-isem "aggregata", l-indirizz tal-kumpanija "aggregata" u pajjiżek.




*Tabella 6: "Kwantitajiet riċevuti mill-intrapriżi fl-UE (p.e. xiri)"*




*Tabella 7: "Importazzjonijiet totali minn pajjiżi jew territorji barra l-UE (p.e. xiri)"*

Fil-formola li jmiss ("Tabella 7"), għandek tirrapporta l-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati jew ġodda akkwistati bi kwalunkwe mod barra mill-UE. Dan ikopri l-kwantitajiet kollha bħax-xiri, il-prodotti ritornati u kwalunkwe metodu ieħor ta' akkwist kemm jekk bi ħlas jew le.

Innota li wħud mill-istati membri għandhom territorji li mhumiex parti mill-UE (p.e. l-Isle of Man, il-Groenlandja, il-Polineżja Franċiża u bosta oħrajn). L-akkwisti minn dawk it-territorji jeħtiġilhom ukoll li jkunu rapportati hawn.

F'dan il-każ għandha tiġi ddikjarata wkoll il-proċedura tad-dwana. Il-lista bi drop-down menu tippermettilek erba' għażliet:

a) Ċirkolazzjoni ħielsa: Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa inkluż użu speċifiku (użu aħħari)

b) Esportazzjoni mill-ġdid: L-imħażen doganali, iż-żona ħielsa, l-ammissjoni temporanja,

c) Ipproċessar 'il ġewwa eċċ.

d) Importazzjoni mill-ġdid: Importazzjonijiet mill-ġdid skont il-proċedura ta' pproċessar 'il barra eċċ.

e) Tranżitu: Tranżitu u trasbord

Il-pajjiż mhux tal-UE għandu wkoll jiġi speċifikat iżda ebda informazzjoni oħra dwar il-kumpanija li tipproduċi l-kwantitajiet mhi meħtieġa.




*Tabella 8: "Ħażniet totali"*

It-Tabella 8: ipprovdi hawn il-ħażniet li int żammejt fl-01 ta' Jannar u fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' rapportar. Il-ħażniet meħtieġa li jingħataw il-partijiet tagħhom skont il-ħażniet li huma marbutin mill-miżuri ta' kontroll doganali (p.e. il-ħażniet fl-imħażen tad-dwana, fiż-żoni ħielsa, tranżitu eċċ.) u l-ħażniet li mhumiex marbutin b'restrizzjonijiet ta' din ix-xorta (p.e. dawk li jistgħu jiċċirkolaw b'mod

ħieles fl-UE). Aktar minn hekk, jeħtieġlek tindika l-ħażniet ta' sustanzi li se jkunu distrutti separatament.

Jekk jogħġbok innota li s-sistema se ssib b'mod awtomatiku kull inkonsistenza fir-rapportar bis-sena X-1. F'każijiet ta' din ix-xorta kaxxa b'messaġġ se tidher awtomatikament u se tkun mistoqsi biex tipprovdi kumment dwar ir-raġuni għal din id-differenza. Tista' żżid kumment fil-qasam taħt kull ċellula.




*Tabella 8: "Inkonsistenza fir-rapportar tal-ħażniet"*




*Tabella 9: "Ħażniet għal użi magħżulin miżmumin mill-produtturi"*

Il-formola li jmiss (Tabella 9) tirriferi għall-ħażniet miżmumin minn produtturi għall-użi magħżulin.

Ipprovdi f'din it-tabella l-porzjon tal-ħażniet rapportati fit-tabella 8 li żammejt fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' rapportar u li rriżulta minn produzzjoni matul is-sena ta' rapportar. Il-kwantitajiet jeħtiġilhom li jingħataw bħala partijiet skont l-użi tal-ħażniet għal materja prima fl-UE u skont l-użi tal-materja prima barra mill-UE.

Tinkludix kwalunkwe ħażna fit-tabella li tirriżulta mill-produzzjoni fi snin preċedenti.


Ozone-Depleting Substances Report

Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Introduction | Company details | Substances

Table 3 | Table 4 | Table 5 | Table 6 | Table 7 | Table 8 | Table 9 | Table 10 | Table 11 | Table 12 | Table 13 | Table 14 | Finish

Company id **ods30000** Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

**10. Placing on the EU market during the reporting year (sales etc.)**
**(all quantities in kilograms, do not use any commas, points or spaces, indicate quantities of non-virgin materials separately)**
*To start select a use by clicking on the "Add" button below.*

| Recipient | Use | CFC-11 (virgin) | CFC-13 (non-virgin) | CFC-113 (virgin) | |
|---|---|---|---|---|---|
| Company D; Street no 1; Latvia | destruction | 12 | 22 | 22 | - |
| | critical uses | 1 | 2 | 3 | - |
| | **Total** | **13** | **24** | **25** | |

Add new row

Use type: to ODS producers* | Other

Company name | Company address | Country

Add | Cancel

Previous form | Next form

Save | Save & close | Cancel | Print preview | Run QA

*Tabella 10: "Tqegħid fis-suq tal-UE matul is-sena ta' rapportar (bejgħ eċċ.)"*

Fit-Tabella 10, jeħtieġlek tipprovdi l-kwanitajiet li l-kumpanija tiegħek qiegħdet fis-suq tal-UE matul is-sena ta' tranżazzjoni. Għal uħud mill-użi (indikati b'asterisk) jeħtieġlek tipprovdi l-isem sħiħ tal-intrapriża li tirċievi u l-indirizz sħiħ tagħha. Jekk fornejt aktar minn intrapriża waħda, żid ringieli skont il-każ. Dan hu l-każ għal "distruzzjoni", "materja prima", "aġent tal-proċess", "intrapriżi li jippakkjaw mill-ġdid tal-UE", għal "riutilizzaturi tal-ODS" u "użi oħrajn". Jeħtieġlek tiżgura li l-kwantitajiet li tiddikjara hawnhekk jaqblu mal-kwanitajiet rapportati f'partijiet oħrajn tal-kwestjonarju. Jekk tagħżel distruzzjoni bħala użu, jekk jogħġbok żgura li l-kumpanija hi l-faċilità ta' distruzzjoni u mhux kollettur intermedjarju tal-iskart.

Tista' tħassar ringiela billi tuża l-buttuni tal-minus ("-") fit-tarf ta' kull ringiela.

Fit-Tabella 11, jeħtieġlek tirrapporta l-kwanitajiet rapportati tas-sustanzi kkontrollati u ġodda esportati lejn pajjiż jew territorju barra mill-UE. Dan ikopri l-kwantitajiet mibgħutin bħall-bejgħ, prodotti ritornati u kwalunkwe metodu kemm jekk bi ħlas jew le.

Innota li wħud mill-istati membri għandhom territorji li mhumiex parti mill-UE (p.e. l-Isle of Man, il-Groenlandja, il-Polineżja Franċiża u bosta oħrajn). Is-sustanzi esportati lil dawn it-territorji jeħtiġilhom ukoll li jkunu rapportati hawn.

Mill-ġdid jeħtieġlek li tagħti wħud mid-dettalji bażiċi dwar il-pajjiżi li fihom esportajt il-kwantitajiet speċifiċi u dwar it-tipi ta' użi.

.




*Tabella 11: "Esportazzjonijiet lejn pajjiżi u territorji barra mill-UE"*

Din l-informazzjoni dwar l-użu tal-materja prima u tal-aġent tal-proċess fil-kumpanija tiegħek għandha tkun ipprovduta fit-Tabella 12. Agħżel mil-lista l-entrata li tiddeskrivi l-materja prima tiegħek (FDST) jew l-użu tal-aġent tal-proċess (PAU). Jekk il-proċess tal-użu tal-materja prima tiegħek mhux fil-lista, agħżel "FDST oħra" u speċifika l-proċess fil-kaxxa tal-kummenti. Innota li jeħtieġlek tindika s-sustanza kkontrollata u l-kimika speċifika prodotta. Għall-kimika prodotta jeħtieġlek tipprovdi Numru CAS. Deskrizzjonijiet ġeneriċi (p.e. melħ brominat, ingredjent farmaċewtiku attiv) mhux se jkunu aċċettati.

Għal kull proċess, irrapporta l-ikkombinar u l-emissjonijiet. Għar-rapport tal-ikkombinar il-kwantità totali tas-sustanza kkontrollata (verġni u mhux verġni) li ma ntużatx qabel fiċ-ċiklu ta' proċess (p.e. dawk li jiġu minn ħażniet irrapportati fil-qasam 205 taħt a) u li ddaħħlu b'mod ġdid fiċ-ċiklu ta' proċess matul is-sena ta' rapportar. Għall-emissjonijiet, irrapporta l-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li ntefgħu fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma matul is-sena ta' rapportar. Inkludi l-emissjonijiet kollha kemm mill-ħżin jew miċ-ċiklu ta' proċess. Dan ikopri t-tipi kollha ta' emissjonijiet inklużi emissjonijiet li jaħarbu jew rilaxxi aċċidentali. L-emissjonijiet minn proċessi industrijali ma jistgħux jiġu evitati u hu għalhekk meqjus tassew improbabbli li ma jkunx hemm emissjonijiet mill-użi ta' materja prima jew ta' aġent tal-proċess. B'hekk mhux se jkun aċċettat jekk tirrapporta 0 jew emissjonijiet baxxi li mhumiex realistiċi.

Jeħtieġlek ukoll tipprovdi l-kwantitajiet stmati għas-sena segwenti.




*Tabella 12:" Użu ta' materja prima u ta' aġent tal-proċess fl-intrapriża li dwarhom qed isir irrapportar"*

Jekk jogħġbok innota li l-kwantitajiet ikkunsmati mill-kumpanija tiegħek għal użi oħrajn (mhux l-użu tal-materja prima jew tal-aġent tal-proċess) għandhom jiġu pprovduti fit-*Tabella 13*. Jeħtieġlek timla t-tabella 13 jekk użajt sustanzi kkontrollati jew ġodda fl-intrapriża tiegħek, għal użi oħrajn barra mill-materja prima jew l-aġent tal-proċess.


Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Ozone-Depleting Substances Report

Introduction | Company details | Substances

Table 3 | Table 4 | Table 5 | Table 6 | Table 7 | Table 8 | Table 9 | Table 10 | Table 11 | Table 12 | Table 13 | Table 14 | Finish

Company id **ods30000** Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

13. Use within the reporting undertaking other than process agent or feedstock uses

**(all quantities in kilograms, do not use any commas, points or spaces, indicate quantities of non-virgin materials separately)**

*To start select a use by clicking on the "Add" button below.*

| Use | CFC-11 (virgin) | CFC-13 (non-virgin) | CFC-113 (virgin) | |
|---|---|---|---|---|
| refrigeration | 12 | Non-negative in | 15 | - |
| solvent | | 13 | | - |
| **Total** | **12** | **13** | **15** | |

Add new row

Use type: other (specify)

Other: Some other user type

Add | Cancel

Previous form | Next form

Save | Save & close | Cancel | Print preview | Run QA

*Tabella 13:" L-użu fl-intrapriża ta' rapportar għajr l-użi tal-aġent tal-proċess jew tal-materja prima.*

It-Tabella 14 tirreferi għall-ammont ta' sustanzi li ġew distrutti mill-intrapriża tiegħek matul is-sena ta' rapportar (tranżazzjoni). Din it-tabella jeħtiġilha li timtela jekk int produttur jew għandek faċilità ta' distruzzjoni li tiddistruġġi sustanzi kkontrollati jew ġodda li joriġinaw fl-intrapriża tiegħek stess jew jekk int faċilità ta' distruzzjoni li qed tiddistruġġi sustanzi kkontrollati li joriġinaw minn intrapriżi oħrajn.

Mill-ġdid jeħtieġlek tuża l-buttuna "Żid" biex tibda tirrapporta f'din il-formola. Se jeħtieġlek ukoll li tispeċifika t-teknoloġija(i) ta' distruzzjoni li ntużat biex jiġi distrutt l-iskart.




*Tabella 14: "Kwantitajiet meqruda fil-faċilita tiegħek"*

Wara t-Tabella 14 int tispiċċa l-parti ewlenija tar-rapportar tal-kwestjonarju. Fil-formola ta' "Tmiem" mill-kaxxa tal-kummenti tista' tintuża biex iżżid kummenti jew kjarifiki addizzjonali li tqis li huma neċessarji jew rilevanti.

Biex tiffinalizza r-rapport, jeħtieġlek tiċċertifika li int rappreżentant awtorizzat tal-intrapriża u li l-informazzjoni kollha ppreżentata hi vera, preċiża u kompluta (safejn taf int):




*Formola "Iċċertifika l-korrettezza"*

Wara dan il-pass se jkollok tikkonkludi l-kwestjonarju u se tara l-formola segwenti, fejn tista' tikklikkja l-buttuna "Privju tal-ipprintjar" biex tara l-informazzjoni fil-qosor li tkun se tippreżenta jew il-buttuna "Run QA" sabiex tivvaluta l-kwalità tar-rapport tiegħek qabel tippreżentah.




*Finalizzazzjoni tal-Kwestjonarju*

Jekk int lest biex tippreżentah mela kklikkja "Kompli bl-envelopp BDR" sabiex tkompli tippreżenta l-envelopp lid-DĠ CLIMA/EEA. F'dan il-każ, jekk jogħġbok irriferi għall-manwal ewlieni għal aktar gwida dwar kif tippreżentah billi tuża s-sistema tal-BDR.

Tista' wkoll tagħżel li tiftaħ mill-ġdid il-formola sabiex teżamina mill-ġdid/timmodifika d-dejta li rrapportajt fil-passi preċedenti.